# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA

Edizzjoni Nru. 9
Awissu - Settembru - Ottubru 2006

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt




## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Anthony Bonniċi*



Din il-ħarġa tal-gazzetta tas-Soċjetà tinzerta fi żmien fejn il-preparazzjonijiet għall-festa ta' Santa Katarina V.M. ikunu fl-aqwa tagħhom. Wara sena sħiħa ta' ħidma f'diversi livelli, il-ħidma għall-festa tintensifika ruħha f'dan iż-żmien, fejn ħafna membri jingħaqdu ma' dawk li jġorru r-responsabiltà matul is-sena kollha sabiex ix-xogħol kbir, speċjalment ta' l-armar tat-toroq li jrid isir kollu f'erba' ġimgħat, isir bl-aktar mod organizzat u l-piż jinqasam fuq ħafna. Kull min huwa midħla tax-xogħol tal-każin jista' jifhem sewwa x'qed ngħid u għalhekk nappella lil dawk li għandhom għal qalbhom il-festa titulari sabiex jagħtu sehemhom.

Kif ilkoll tafu din is-sena s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. qiegħda tfakkar il-50 anniversarju mill-inawgurazzjoni tal-Planċier Artistiku. Diġà kellna l-okkażjoni li niltaqgħu waqt il-wirja "Wirt l-Imgħallmin" li ġiet organizzata mis-Sotto-Kumitat tal-Kultura. Għal dan l-anniversarju mportanti s-Soċjetà ppubblikat ktieb li jfakkar din il-ġrajja mportanti fl-istorja glorjuża tagħha, li fuq kollox jagħti ġieħ lill-membri ħabrieka, li permezz tal-ħidma tagħhom illum nistgħu niftaħru li għandna wieħed mill-aqwa planċiera f'Malta. Nieħu din l-okkażjoni sabiex inħeġġiġkom takkwistaw kopja ta' dan il-ktieb u biex tattendu għall-programm mużikali li ser jiġi mtella' nhar il-Ħamis 24 ta' Awissu 2006 mill-Banda Santa Katarina, fejn il-festi marbuta ma' dan l-anniversarju ser jilħqu l-qofol tagħhom.

Bħas-snin li għaddew, din is-sena s-Soċjetà tagħna se terġa' toħroġ il-programm tal-festa, li kif ilkoll tafu, f'dawn l-aħħar snin laħaq livell għoli ħafna. F'dan il-programm issibu ħafna tagħrif interessanti, artikli u ritratti li permezz tagħhom inkomplu niktbu l-ħajja tas-Soċjetà sena wara l-oħra. Huwa mportanti li ngħożżu dawn il-pubblikazzjonijiet u napprezzaw l-isforzi kbar, kemm fix-xogħol marbut mall-pubblikazzjoni, kif ukoll finanzjarji, sabiex inwasslulkom ktieb ta' dan il-livell.

Fejn jidħol il-ġbir għall-festa ma nistgħux ingorru għax is-Soċjetà dejjem sabet l-appoġġ tagħkom il-membri u ta' ħafna benefatturi. Bil-kontribuzzjoni kollettiva ta' kulħadd dejjem sibna l-finanzi meħtieġa sabiex inżommu l-livell tal-festa, nagħmlu opri ġodda, u stajna wkoll inlestu x-xogħol fil-każin u l-bini tal-maħżen ta' l-armar. Nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex inkompli nħeġġiġkom tkunu ġenerużi għax l-ispejjeż tal-festa qegħdin dejjem jikbru. Kulħadd jaf kemm għola d-dawl, il-materjal għall-murtali u l-baned. Għalhekk norbot ħafna fuq il-ġenerożità tagħkom sabiex inkunu f'pożizzjoni li nilqgħu għal dawn l-isfidi li qed dejjem jikbru. Dan jiena konvint minnu għax naf kemm il-festa tal-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. hija għal qalbkom.

Il-festa ta' Santa Katarina hija festa kompluta minn kollox u ma jonqosha xejn materjali. Li jonqos huwa li aħna lkoll nersqu dejjem aktar lejn il-Knisja sabiex flimkien ingawdu l-funzjonijiet sbieħ li jsiru fil-ġranet tal-festa kollha. Ikun żball kbir jekk xi ħadd minna jintilef fil-preparamenti u fil-festi esterni biss mingħajr ma jersaq lejn is-Sagramenti Mqaddsa. Aħna dejjem ngħidu li l-festa tibda mill-Knisja u tispiċċa fil-Knisja sabiex permezz tal-festa tal-Qaddisa Patruna tagħna nagħtu qima lill-Alla. Nawgura minn issa l-festa t-tajba liż-Żrieraq kollha u j'Alla din il-festa tħalli fina ħafna ġid spiritwali li tant neħtieġu għall-ħajja tagħna ta' kuljum, speċjalment sabiex ma nħallux il-pika esaġerata tal-festi tkun mezz li b'xi mod tifridna minn xulxin. Jekk aħna verament irridu nagħmlu festa li tagħti ġieħ lil Santa Katarina u qima lill-Alla, allura għandna nkunu ta' eżempju għall-oħrajn u nfittxu dak li jgħaqqadna. Viva Santa Katarina Verġni u Martri Patruna taż-Żrieraq kollha.



**L-Għerusija Mistika, pittura ta' Francesco Zahra li tinsab fil-Monasteru ta' Santa Katarina ta' Lixandra ġewwa l-Belt Valletta, Seklu 18**



## BORD EDITORJALI:

| | |
|---|---|
| Darmanin Lorna | Editriċi |
| Gatt Anna Maria | Assistenta Editriċi |
| Camilleri Moses | Kaxxier |
| Farrugia Emanuel | P.R.O. |
| Cassar Mark | Website Designer |
| Camilleri Cettina | Rappreżentanta Kumitat tal-Kultura |
| Farrugia Catherine | Reppreżentanta Sezzjoni Nisa |
| Darmanin Joey | Rappreżentant Sezzjoni Armar |
| Farrugia Richard | Rappreżentant Kummissjoni Banda |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |
| Żammit Oliver Mario | Rappreżentant Sezzjoni Nar |


# EDITORJAL

Għeżież membri u partitarji tal-festa titulari taż-Żurrieq, reġa' wasal l-istaġun tal-festi u miegħu jġib il-wisq mistennija festa f'ġieħ Santa Katarina V.M. il-patruna tagħna. Kif se taraw f'din l-edizzjoni, se jkollna bosta attivitajiet li jilħqu l-quċċata fit-3 ta' Settembru, meta naraw lil Katarina tixref fuq iz-zuntier quddiem it-Tempju Maestuż lilha ddedikat. M'għandi l-ebda dubju li se jkollna festa kbira bħal dejjem, u b'hekk, f'isem il-bord editorjali nixtieq nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd, u dejjem nitolbu 'l Santa Katarina tgħinna f'kull ma jkollna bżonn.

Nawguraw ukoll lis-Sinjura Camilleri li ngħaqdet magħna fil-bord u nirringrazzjawha. Nixtieq infakkarkom li kull min jixtieq kopji żejda tal-gazzetta jikkuntattjana, kif ukoll kull min jixtieq jirreklama fil-gazzetta jew jixtieq jgħaddilna xi ritratti jew artikli ta' nteress. Ibagħtu l-ittri tagħkom hekk: ***L-Editur, Sancta Catharina, Zurricanorum Patrona, Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M., Palazz Alexandria, 37, Misraħ Repubblika, Żurrieq.***

Nirringrazzjakom tal-koperazzjoni tagħkom u nselli għalikom. Viva Santa Katarina V.M.

**Lorna Darmanin - Editriċi.**




**Primatel Support**
*Primatel can also be used outside Malta.*
*Primatel has no expiry date. For more information please visit www.primatel.com.mt or call 2131 9694 or 2131 9686*
*24 Hour Customer Service. Thank you for using Primatel.*
*Primatel is a VoIP service provided by:*
*Melitanet Ltd. Internet Service/Internet Cafe's/Call Centres/VoIP Service*
*Business Centre: Tropicana Group, Ball Street, Paceville.*

### Attivitajiet organizzati mill-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Żurrieq fit-tliet xhur li ġejjin (dettalji fis-Sezzjonijiet rispettivi fil-gazzetta)

03/08/2006 - Filgħaxija Get together il-Każin - xahar qabel il-Festa
05/08/2006 - Filgħaxija BBQ ġewwa l-Għadira organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ
06/08/2006 - 8.15pm marċ fil-festa ta' San Lawrenz ġewwa l-Birgu
11/08/2006 - 5.30pm pellegrinaġġ devozzjonali ġewwa l-Konkatidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta
14/08/2006 - 8.30pm programm u marċ ġewwa l-Qrendi għall-festa ta' Santa Marija
15/08/2006 - 7.30pm marċ u programm għall-festa ta' Santa Marija Qrendi
20/08/2006 - 9.30-11.30am tqassim tal-programm tal-festa lill-membri ġewwa l-każin
20/08/2006 - 9.15pm marċ ġewwa Bubaqra għall-festa ta' Santa Marija.
21/08/2006 - 5.00-8.00pm tqassim tal-programm tal-festa lill-membri ġewwa l-każin
22/08/2006 - 5.00-8.00pm tqassim tal-programm tal-festa lill-membri ġewwa l-każin
23/08/2006 - 8.30am quddiesa u coffee morning fl-Alexandria Hotel
24/08/2006 - 8.00pm programm strumentali fl-anniversarju tal-inawgurazzjoni tal-Plancier (50 sena)
25/08/2006 - Filgħaxija Palmisti Fest fi Triq Don Carlo De Giovanni Nglott
26/08/2006 - Filgħaxija Lejla Maltija fi Triq Don Carlo De Giovanni Nglott
27/08/2006 - 7.30pm il-Banda tipparteċipa fil-ħruġ ta' l-istatwa u wara tkompli marċ fiż-Żurrieq
29/08/2006 - 12.00pm ikla bejn il-ħbieb – Sotto Kumitat Armar
31/08/2006 - 8.30pm marċ qasir u programm strumentali fuq il-Plancier.
01/09/2006 - 9.00pm dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Santa Katarina V.M. bis-sehem tal-Banda
02/09/2006 - 10.30am marċ tradizzjonali tat-Te Deum li jintemm fis-2.30pm.
03/09/2006 - 8.30am il-Banda twassal lill-Prim Konċelebrant sal-Knisja
03/09/2006 - 11.00pm marċ iddedikat lis-Sezzjoni Nar
09/09/2006 - Filgħaxija BBQ ġewwa l-post tan-Nar
21/09/2006 - Filgħodu ħarġa kulturali
24/09/2006 - 6.30pm marċ ġewwa d-Daħla r-Rabat għall-festa ta' Santa Katarina VM
01/10/2006 - 7.00pm marċ u programm għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju ġewwa ż-Żurrieq
06/10/2006 - 7.00pm high tea fil-każin
18/10/2006 - 9.00am coffee morning fil-każin
22/10/2006 - Filgħodu laqgħa ġenerali annwali fil-każin



# Avvenimenti mportanti - miġbura minn Jeremy Cachia

### L-Ewwel Planċier Artistiku fiż-Żurrieq (1956-2006)

Is-26 t'Awissu jaħbat il-50 sena mill-inawgurazzjoni tal-planċier artistiku li tħaddan il-popolari Banda Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq. Dan il-planċier li ġie ddisinjat minn Carmelo Vassallo tar-Rabat kien fost l-ewlenin ġewwa pajjiżna. Il-planċier tal-Banda Santa Katarina V.M. huwa l-ewwel wieħed fiż-Żurrieq għal-livell artistiku li fih u li għadu jintrama eżatt kif rawh missirijietna meta żżanżan fl-1956. Meta tqis li nħadem 50 sena ilu tikkonferma kemm is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M minn dejjem kellha membri fi ħdanha mgħallmin ta' ċertu livell artistiku kbir, u kienu pijunieri fejn jidħol l-armar tal-festa. Nistgħu ngħidu li l-magħruf skultur Żurrieqi Salvu Bugeja, u li l-fama tiegħu hi mxerrda f'kull rokna tal-gżejjer Maltin, beda l-karriera tiegħu ta' skultur propju meta beda jiżmarra l-iskultura ta' dan il-planċier. Dan il-planċier kien il-katalist li bih ħafna Palmisti fi ħdan is-Soċjetà tagħna taw sehemhom f'din l-opra ta' l-arti u l-każin ra ħafna mgħallmin jaħdmu bla heda f'diversi snajja. Nistgħu ngħidu li qabel dan il-planċier fiż-Żurrieq kien hawn planċieri oħra imma kienu fqar ħafna fejn tidħol l-arti u llum il-ġurnata ma baqgħux jintramaw. Nistgħu ngħidu wkoll li l-Filarmonica Mannarino c.1883, illum il-Banda Santa Katarina, tidher ukoll qiegħda ddoqq fuq planċier armat f'nofs Misraħ Churchill (illum Pjazza Repubblika). Ir-ritratti jinsabu fil-każin. Dan il-planċier joħroġ l-isplendur kollu tiegħu meta jkun armat f'nofs il-pjazza ewlenija bil-monument tant artistiku u bl-istatwa meraviljuża tal-patruna tagħna Santa Katarina iċċentrata fuqu. U Santa Katarina tkompli tħares lil dik l-istess banda li b'imħabba kbira u b'tant għożża hija msemmija għaliha.

### Il-Banda Santa Katarina V.M. iddoqq fil-Knisja Arċipretali (1986-2006)

20 sena ilu, fit-2 ta' Settembru 1986, il-Banda Santa Katarina V.M. daqqet għall-ewwel darba fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina VM meta ħadet sehem fl-Akkademja Mużiko Letterarja fl-okkażjoni tal-550 sena minn meta l-Knisja taż-Żurrieq tissemma parroċċa ddedikata lil Santa Katarina ta' Lixandra. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Francis Falzon L.(Mus.)L.C.M., L.R.S.M. ħa sehem il-kor parrokkjali Cantate Domino dirett mill-mibki Dun Mikiel D'Amato. F'Novembru 2005 l-istorja reġgħet irrepetiet ruħha meta l-Banda Santa Katarina V.M. reġgħet daqqet Oratorju mill-isbaħ f'ġieħ Santa Katarina fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet f'għeluq iċ-ċentinarju l-kbir.

### It-Tmexxija tal-Banda Santa Katarina V.M. (1986-2006)

Fl-4 ta' Settembru 1986, 20 sena ilu, it-tmexxija tal-Banda Santa Katarina V.M għaddiet minn idejn Mro.Espedito Deguara għal għand is-Surmast Żurrieqi Francis Falzon. Dan sar f'ċerimonja simbolika fuq il-Planċier artistiku tal-Banda Santa Katarina V.M. fil-festa titulari. Il-mibki Surmast Espedito Deguara mexxa l-Banda lejn suċċessi kbar għal 42 sena sħaħ. Biżżejjed insemmu l-ewwel 3 safriet tal-Banda f'Noto, Acireale u Catania fl-1954, 1955 u 1959 rispettivament. Is-Surmast preżenti Mro. Francis Falzon kompla fuq is-suċċessi tiegħu u dderieġa l-Banda Santa Katarina V.M lejn aktar popolarità. Fl-1997 u fl-2004 il-banda reġa' kellha żewġ impenji oħra barra minn xtutna, f'Bari u f'Lucca fl-Italja. Fil-ġimgħa tal-festa Titulari, il-Banda Santa Katarina V.M. ikollha r-rapreżentazzjoni annwali impenjattiva tagħha fuq il-Planċier Artistiku, dejjem immexxija mis-Surmast Falzon, quddiem folla enormi li dejjem tiżdied minn sena għal oħra.

### Statwi ġodda ta' Santa Katarina V.M. (1986-2006)

20 sena ilu wkoll ġew imżanżna żewġ gruppi ta' statwi li jirrapreżentaw episodji minn ħajjet il-Qaddisa Katarina; l-inkurunazzjoni minn Ġesù Kristu u t-trasport tal-Qaddisa mill-anġli, xogħol l-artist Michael Camilleri Cauchi. Dan ix-xogħol bikri ta' Camilleri Cauchi kien minn ta' l-ewwel tiegħu fiż-Żurrieq, u huma t'ammirazzjoni kbira għad-dilettanti ta' l-armar. Id-disinn tal-pedestalli ta' taħthom sar mill-iskultur fi ħdan is-Soċjetà tagħna, is-Sur Salvu Bugeja, fejn wera l-ħila tiegħu ukoll fl-iżmarrar ta' l-iskultura.

*Ikompli f'Paġna 5.*

# Rokna tan-Nisa

*- Catherine Farrugia*

Għeżież ħbieb,

Reġa' qed joqrob sew dak iż-żmien li kull waħda minna tkun qed tistenna. Il-festa tal-patruna tagħna Santa Katarina V.M. qiegħda magħna u għalhekk il-ħidma tagħna tibda tilħaq il-qofol tagħha.

Din is-sena għall-pellegrinaġġ devozzjonali tant mistenni minna, bħas-sena l-oħra għażilna post ġdid ieħor. Dan huwa l-Konkatidral ta' San Ġwann ġewwa l-Belt Valletta, fejn hemm kappella ddedikata lil Santa Katarina ta' l-Italja, li għadha kemm ġiet restawrata. Il-ġurnata se tkun il-Ġimgħa 11 t'Awissu u se niltaqgħu ħdejn l-iskola fil-5.30pm. Il-Coffee Morning ta' qabel il-festa se jkun l-Erbgħa 23 t'Awissu u se jkun fl-Alexandria Hotel. Qabel se nagħmlu quddiesa fil-Millenium Chapel. Niltaqgħu ħdejn l-iskola fit-8.30am. Aħsbu kmieni għall-biljetti. Se nerggħu norganizzaw ħarġa kulturali oħra fil-21 ta' Settembru. Dettalji jithabbru aktar tard, għalhekk oqogħdu attenti għall-posters li nagħmlu fil-ħwienet.

Il-Ġimgħa 6 t'Ottubru se jkun hemm High Tea fil-Każin fis-7.00pm, filwaqt li l-Erbgħa 18 t'Ottubru fid-9.00am se jkollna Coffee Morning fil-Każin.

Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina V.M., Mattia Preti. Pittura li tinsab fil-Konkatidral ta' San Ġwann, Valletta



Il-fergħa nisa għal sena oħra qiegħda tieħu ħsieb il-function tat-turisti li qiegħda ssir kull nhar ta' Tlieta filgħodu fil-Każin. Din qiegħda tkun utli bħala fund raising. Fil-bidu t'Awissu, membri tas-Sotto kumitat se jkunu jagħmlu l-ġabra tas-soltu ta' qabel il-festa għall-baned. Għalhekk, minn qabel nirringrazzjakom tal-ġenerożità tagħkom. Din is-sena l-fergħa nisa ħadet ħsieb il-ħjata ta' tliet bandalori oħra li se jkomplu jżejnu l-Pjazza Mattia Preti. Fl-aħħar nett nixtieq nappellalkom sabiex min jista' jagħti xi għajnuna rigward it-tindif tal-każin għall-festa, javviċina lill-membri tal-fergħa nisa. Kull għajnuna hija appezzata ħafna. Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd u Santa Katarina Patruna tagħna Żrieraq tkompli tħarisna u tberikna.

# Għalikom it-Tfal - *Anna Maria*

Kif intom ħbieb? Ninsabu fl-aqwa tas-sajf u wara li ilna nisimgħu l-murtali u l-qniepen ta' l-irħula tal-madwar, qed toqrob dejjem aktar issa l-festa tagħna. Festa, li għal sena oħra, reġa' għandna għalxiex niċċelebraw bil-kbir. Kif semmejna fil-ħarġa ta' qabel, din is-sena l-planċier artistiku tas-soċjetà tagħna se jagħlaq 50 sena. Tfal, 50 sena mhumiex ċajta, meta tara l-planċier kif għadu, qisu ġdid. U dan grazzi, għal dawk il-ħafna voluntiera li ta' kull sena jgħinu fil-manutenzjoni tiegħu, jiġifieri li jieħdu ħsiebu dejjem.

L-iskopijiet tal-planċier huma ħafna. L-ewwel nett ikompli jagħti dehra majestuża ħafna lill-pjazza tagħna. Il-planċier flimkien mal-kolonni, t-trofej u d-drappijiet, kif ukoll l-istatwa ta' Santa Katarina ħdejn id-dar ta' l-Arċipriet, jikkumplimentaw ħafna lil xulxin u jagħtu dehra mill-isbaħ lill-pjazza tagħna. Il-banda, li għandha sehem kbir fis-soċjetà tagħna, jistħoqqilha jkollha l-post li jixirqilha minn fejn turi t-talenti tagħha. Kollha kemm aħna nafu xi ġmiel ta' programm mużikali jkollna l-Ħamis tal-Ġimgħa tal-festa u kemm tidher aktar serja l-banda fuq il-planċier. Tingħata l-apprezzament li jixirqilha!

Nixtieq illum nagħmel ftit appelli. L-ewwel nett inħeġġeġ lilkom it-tfal tieħdu sehem attiv fil-festa fosthom anke fl-armar qabel u wara l-festa. It-tieni nfakkarkom li se jsiru bosta attivitajiet fl-okkażjoni tal-50 anniversarju tal-planċier; attivitajiet li minnhom tistgħu titgħallmu ħafna. Il-festa tar-raħal mhijiex biss il-briju u n-nar, imma hija ħafna aktar. Fl-aħħar nett nappella biex minn issa, meta għadkom żgħar, tibdew tapprezzaw ix-xogħol artistiku li nsibu fl-armar kollu madwar iż-Żurrieq u tieħdu ħsiebu. Waqt il-ġimgħa tal-festa, obdu mill-membri tal-kumitat, u tużawx il-planċier bħala post minn fejn taraw il-marċ għaddej. Illum nistgħu ngawduh, għax ta' qabilna ħadu ħsiebu. Mela ejja nagħmlu l-istess aħna!

Bħas-soltu għandna għalikom kompetizzjoni żgħira:

1. Semmi attività li se tittella' biex ikun imfakkar il-50 anniversarju tal-planċier.
2. Minbarra l-planċier, semmi xi armar li insibu fil-pjazza fil-ġimgħa tal-festa titulari ta' Santa Katarina.

Ibgħatu r-risposti tagħkom fl-indirizz: Għalina t-Tfal, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq.

Nawguralkom il-festa t-tajba, lilkom u lill-familji tagħkom. Santa Katarina V.M., dejjem titlob għalina, tberikna u żżomm idejha fuqna.

***Viva Santa Katarina V.M.***

# Sotto Kumitat tan-Nar

Erġajna wasalna biex niċċelebraw il-festa tant għażiża għalina l-partitarji ta' Santa Katarina V.M., u dan huwa l-aħħar messaġġ qabel nibdew il-preparamenti finali biex naraw ir-riżultat ta' sena ta' ħidma kontinwa. Bħal issa huwa ż-żmien fejn jibdew jingħalqu l-murtali u jibdew jingħataw il-porvli tat-tiri. Nibdew naraw il-maħżen jintela bix-xogħol li jkun sar matul issena. Nibdew ukoll naħarqu xi ftuħ u anke xi murtali biex nassiguraw ruħna li x-xogħol qiegħed kif irriduh aħna. Din is-sena konna xi ftit avvanzati aktar mis-snin ta' qabel fix-xogħol tal-kaxxi u tal-murtali tal-gozz, grazzi għal dawk il-ħaddiema bieżla li kuljum kienu qed jagħtu s-sehem kbir tagħhom f'dan ix-xogħol. B'hekk, min kellu x-xogħol tal-murtali, seta' jiddedika aktar ħin għall-murtali tiegħu. Il-magna li tippressa l-istilla għenet ukoll biex jitħaffef il-proċess tal-ikkargar ta' l-istilla u naqqset ukoll ħafna periklu.

Issa wasal ukoll iż-żmien li jibda jinġabar l-arbular tan-nar. Hawnekk inħeġġiġkom tkunu ġenerużi biex inkunu nistgħu nilħqu l-miri tagħna għal din is-sena. Min-naħa tas-Sotto Kumitat tan-nar, nixtiequ navżaw li l-kolletturi s-Sur Salvu Abdilla u s-Sinjura Gulina Mallia, flimkien mal-kaxxier is-Sur Oliver Zammit, se jkunu l-każin jilqgħu id-donazzjonijiet tagħkom. Infakkru wkoll li xahar qabel il-festa titulari jsir Get Together ġewwa l-każin, u għal dawk id-dilettanti tan-nar, issir il-prova ġenerali ta' diversi tipi ta' murtali.



Xi xogħol tan-nar għall-Festa Titulari 2006

Kulħadd jaf li festa kbira bħal tagħna tirrikjedi ħafna xogħol, mhux biss tan-nar, iżda wkoll ta' ġarr u tħawwil ta' kanni, ġarr ta' nar ta' l-art u ħafna affarijiet oħra. Għalhekk qed nappellaw għall-għajnuna mill-membri u partitarji tagħna, sabiex ix-xogħol bejn ħafna nies, jeħfief, u kulħadd ikun jista' jgawdi l-festa bl-aħjar mod possibli.

Is-Sotto Kumitat tan-Nar se jerġa' jorganizza s-soltu BBQ ġewwa l-post tan-nar fid-9 ta' Settembru, ġimgħa wara l-festa. Ikollna daqq, ikel u logħob tan-nar. Inħeġġukom tattendu għal din l-attività. Fl-aħħar nixtiequ nirringrazzjaw lil kull min ta l-kontribut tiegħu, sew finanzjarjament, kif ukoll manwalment. Niftakru wkoll f'dawk il-partitarji li ħallew din id-dinja u nuru solidajetà mal-familjari tagħhom.



**Il-Mulej sejħilhom biex jidħlu fil-Ferħ ma' Santa Katarina V.M. għal dejjem**

L-Ex Bandist Salvu Falzon 08/07/2006
Il-Membru Mikiel Camilleri 13/07/2006

Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.



**Avviżi**
Kunċerti tal-Banda qed ikunu kull nhar ta' Tlieta fis-7.00pm is-sena kollha.

**Tagħlim u Lezzjonijiet tal-Banda**
Kull nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.45am - Surmast Direttur Mro. Francis Falzon - Sezzjoni Injam. Kull nhar ta' Ħamis mill-4.15pm sas-6.45pm - Assitent Surmast Mro. Mario Testa - Sezzjoni Ram.

## Attivitajiet tal-Banda Santa Katarina V.M.

*- Richard Farrugia*
*Chairman Kummissjoni Banda*

■ ***Nhar il-Ħadd 6 t'Awissu 2006*** il-Banda Santa Katarina V.M. se tagħmel servizz ta' marċ fil-festa ta' San Lawrenz ġewwa l-Birgu. Il-marċ jibda fit-8.15pm.

■ ***Nhar it-Tnejn 14 t'Awissu 2006***, il-Banda għandha servizz ta' programm u marċ għall-festa ta' Santa Marija ġewwa l-Qrendi. Il-programm jibda fit-8.30pm quddiem il-knisja u wara jibda marċ li jispiċċa fil-11.30pm fejn jinħaraq in-nar.

■ ***Nhar it-Tlieta 15 t'Awissu 2006 il-Banda*** se tagħmel servizz ieħor ta' marċ u programm ġewwa l-Qrendi, li jibda fis-7.30pm u wara tagħmel programm ħdejn il-każin l-antik.

■ ***Nhar il-Ħadd 20 t'Awissu 2006***, il-Banda tagħmel marċ ġewwa Bubaqra għall-festa ta' Santa Marija, li jibda fid-9.15pm.

■ ***Nhar il-Ħamis 24 t'Awissu 2006*** ser jitfakkar il-50 sena anniversarju tal-inawgurazzjoni tal-planċier fejn il-Banda Santa Katarina VM se tibda marċ fit-8.00p.m. u wara tesegwixxi programm strumentali għal din l-okkażjoni, li jibda fit-8.30pm.

■ ***Nhar il-Ħadd 27 t'Awissu 2006*** il-Banda se tipparteċipa waqt il-ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa, fejn wara tkompli tagħmel marċ mat-toroq taż-Żurrieq.

■ ***Nhar il-Ħamis 31 t'Awissu 2006*** il-Banda Santa Katarina VM fit-8.30pm tibda marċ qasir minn Main Street, fejn wara tesegwixxi programm strumentali fuq il-planċier.

■ ***Nhar il-Ġimgħa 1 ta' Settembru 2006,*** fid-9.00pm tibda dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Santa Katarina V.M. bis-sehem tal-Banda Santa Katarina V.M., fejn fl-aħħar l-istatwa tittella' fuq il-pedistall bid-daqq tal-Innu Semma Poplu.

■ ***Nhar is-Sibt 2 ta' Settembru 2006*** fl-10.30am il-Banda tibda l-marċ tradizzjonali tat-Te Deum madwar it-toroq taż-Żurrieq, fejn fis-2.30pm jasal fi tmiemu ġewwa Pjazza Repubblika.

■ ***Nhar il-Ħadd 3 ta' Settembru 2006*** il-Banda Santa Katarina V.M. fit-8.30am twassal lill-Prim Konċelebrant minn Triq Dun Ġużepp Zammit sal-knisja, b'daqq ta' marċi ferrieħa.

■ ***Nhar il-Ħadd 3 ta' Settembru 2006***, il-Banda tagħlaq il-festa b'marċ iddedikat lis-Sezzjoni tan-Nar, fejn fil-11.00pm tibda marċ minn quddiem il-knisja sal-każin.

■ ***Nhar il-Ħadd 24 ta' Settembru 2006***, il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel servizz ġewwa d-Daħla r-Rabat għall-festa ta' Santa Katarina. Dan is-servizz jibda fis-6.30pm.

■ ***Nhar il-Ħadd l-1 t'Ottubru 2006*** il-Banda Santa Katarina VM tagħmel servizz ta' marċ u programm għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju ġewwa ż-Żurrieq. Dan jibda fis-7.00pm.

***Appell lill-Fratelli:*** Infakkru lill-Fratelli tal-Konfraternità tas-Sagrament u tal-Qalb ta' Ġesù biex jattendu għat-Translazzjoni tal-festa Titulari ta' Santa Katarina V.M. is-Sibt 2 ta' Settembru 2006 fis-5.45pm u għall-Purċissjoni l-Ħadd 3 ta' Settembru 2006 fis-7.00p.m.

■ ***Avvenimenti mportanti - miġbura minn Jeremy Cachia*** *(ikompli minn paġna 3)*

***Il-Kardinal Mario Luigi Ciappi O.P. fiż-Żurrieq***

■ Fil-5 u 6 ta' Settembru 1981, 25 sena ilu, il-Parroċċa taż-Żurrieq laqgħet fi ħdanha lill-E.M.T. Kardinal Luigi Ciappi O.P. għall-okkażjoni tal-Festa Titulari ta' Santa Katarina V.M. Dan kien mibgħut mill-Vatikan fl-okkażjoni tal-250 sena minn meta l-Knisja Parrokjali taż-Żurrieq ġiet ikkonsagrata taħt il-ħarsien u l-glorja ta' Santa Katarina V.M. L-E.M.T. Kardinal Ciappi kien il-Prim Konċelebrant lejlet u nhar il-festa Titulari. Hu libbes ċurkett f'wieħed mis-swaba tal-vara ta' Santa Katarina V.M. Dak inhar tal-festa ġie mistieden ukoll fil-Każin tas-Soċjetà, fejn fost l-oħrajn kien inawgura pittura ġdida li turi l-Għerusija Mistika tal-Qaddisa Katarina, xogħol il-Pittur Pawlu Camilleri Cauchi. Din kienet saret fuq inizzjattiva tal-ex-President Ġużeppi Gauci.

■ ***Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokjali taż-Żurrieq (1731-2006)***

■ Fl-1731, 275 sena ilu, fuq inizzjattiva u l-ħeġġa taż-Żrieraq stess, l-Isqof Alpheran de Bussan ikkonsagra l-knisja parrokjali taż-Żurrieq lil Alla ad unur u glorja lil Santa Katarina V.M. L-Isqof ried li t-tifkira tal-konsagrazzjoni tiġi ċċelebrata minn ġenerazzjoni għall-oħra, għalhekk għadha tiġi ċċelebrata kull sena sal-ġurnata tal-lum. Din il-konsagrazzjoni tkompli tikkonferma għal darb'oħra lil Santa Katarina V.M. bħala l-Patruna Titulari u l-Protettriċi għal dejjem taż-Żurrieq. Fil-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq, matul l-aħħar Ħadd t'Ottubru, Jum il-Konsagrazzjoni tal-Knisja, ir-relikwija ta' Santa Katarina V.M. tinħareġ għall-qima tad-devoti Żrieraq fuq l-altar maġġur ħdejn l-Għarus tagħha Ġesù Ewkaristija.



# Nota Amministrattiva

*mis-Sur Josef Cachia, Segretarju tas-Soċjetà*

Din id-disa' ħarġa tal-gazzetta li qed tasal fid-djar tagħkom il-membri ta' kull tliet xhur, tagħti bidu għat-tielet sena tagħha fejn propju f'Awissu 2004 kienet ġiet ippubblikata l-ewwel ħarġa. Tul dawn is-sentejn il-gazzetta serviet ħafna sabiex twassal aħjar lilkom il-membri, ix-xogħol u l-attivitajiet kollha li jkunu għaddejjin. Permezz ta' din il-gazzetta wkoll kienu diversi Żrieraq partitarji tal-Festa ta' Santa Katarina VM li ngħaqdu fil-lista tal-membri tas-Soċjetà wara li raw is-serjetà li biha hija mmexxija s-Soċjetà tagħna. Inħoss li f'isem il-President u sħabi l-membri tal-Kumitat nirringrazzja lill-Editur u l-membri kollha tal-Bord Editorjali, kif ukoll lil dawk kollha li jikkontribwixxu f'din il-gazzetta għax-xogħol siewi tagħhom fejn inħeġġiġhom ukoll sabiex ikomplu jaħdmu mill-qalb għal din il-pubblikazzjoni.

M'hemmx dubju li f'din il-ħarġa ser tkunu qed issegwu mill-qrib dak kollu li s-Soċjetà permezz tal-Kumitat Ċentrali u s-Sotto Kumitati kollha tagħha preparaw għax-xhur li ġejjin fejn l-attivitajiet kollha jilħqu l-qofol tagħhom matul il-ġimgħa tal-Festa tal-Patruna tar-raħal tagħna Santa Katarina Verġni u Martri ta' Lixandra li din is-sena ser tkun iċċelebrata nhar il-Ħadd 3 ta' Settembru 2006.

Din is-sena s-Soċjetà qed tfakkar il-50 Anniversarju mill-Inawgurazzjoni tal-Planċier Artistiku tal-Banda Santa Katarina, fejn wara l-wirja li ġiet imtella' fis-swali tal-Każin bejn is-16 u t-23 ta' Lulju, il-Banda Santa Katarina ser ittella' Programm Mużikali fuq l-istess planċier f'Misraħ Repubblika nhar il-Ħamis 24 t' Awissu 2006.

Il-Festa din is-sena wkoll ser tkun impenjattiva b'ġimgħa t'attivitajiet u marċi jferrħu r-raħal taż-Żurrieq f'ġieħ il-Patruna tiegħu Santa Katarina. Għall-ħames sena ser tkunu tistgħu issegwu l-ewwel radju tal-komunità fiż-Żurrieq, Radju Santa Katarina, li ser ikun qiegħed ixandar l-iskeda mpenjattiva tiegħu fuq il-frekwenza ta' 90.6 FM bejn it-23 t'Awissu u t-3 ta' Settembru 2006. L-iskeda ser tkunu tistgħu issegwuha fil-programm tal-Festa ta' din is-sena filwaqt li x-xandiriet kollha tkunu tistgħu issegwuhom ukoll permezz ta' l-internet fuq is-sit uffiċjali tas-Soċjetà www.stcatherineband.org.mt

Irrid ngħarraf lilkom il-membri li wara s-suċċess tas-sena li għaddiet bil-mod kif ġie mqassam il-programm tal-Festa, din is-sena ser jerġa' jitqassam bl-istess mod fejn il-membri kollha mitluba li jiġbru l-programm mill-Każin nhar il-Ħadd 20 t'Awissu bejn id-9.30am u 11.30am, kif ukoll it-Tnejn u t-Tlieta 21 u 22 t'Awissu bejn il-5pm u t-8pm. B'hekk ser nerġgħu nassiguraw li l-membri kollha ser jiġbru l-kopja tal-programm tagħhom. Irrid nieħu din l-okkażjoni biex nappella għall-moderazzjoni fi żmien il-Festa fejn kulħadd għandu joqgħod għat-tmexxija tal-Kumitat Ċentrali sabiex nassiguraw li bħas-snin l-imgħoddija nerġgħu niċċelebraw Festa mill-isbaħ.

Wara l-festa, il-Kumitat Ċentrali kif ukoll is-sezzjonijiet kollha jkunu mpenjati fi tmiem is-sena amministrattiva sabiex il-Ħadd 22 t'Ottubru 2006 jingħata rendikont lill-membri tas-suċċess miksub, fis-Seduta Ġenerali Annwali li ssir fil-Każin.

Nagħlaq din in-nota amministrattiva tiegħi fejn f'isem il-President u l-Kumitat nawgura l-isbaħ festa lill-membri, benefatturi u ammiraturi ta' l-ewwel Soċjetà Mużikali fiż-Żurrieq.


## Palmisti 2006

*C.D. ġdida ta' Marċi Brijużi bil-Kliem Kantati minn Stephen Mizzi.*
*Data tal-ħruġ: 3 t'Awissu 2006 (xahar qabel il-festa)*
*Għall-Bejgħ mingħand il-membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ jew mill-Bar tal-Każin.*

## Bnadar tat-Titular

*Bnadar bil-Kliem Titular*
*3 piedi x 6 piedi*

*Għall-bejgħ mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.*

## BBQ - Għadira

*Nhar is-Sibt 5 t'Awissu 2006*
*Biljetti mill-Bar tal-Każin.*

## Palmisti Fest

*Nhar il-Ġimgħa*
*25 t'Awissu 2006*
*Fi Triq Don Carlo de Giovanni Nglott (fejn issir il-Lejla Maltija)*
*Biljetti jinqatgħu mill-Bar tal-Każin.*

## Lejla Maltija Grandjuża

*Nhar is-Sibt 26 t'Awissu 2006*
*Fi Triq Don Carlo De Giovanni Nglott*



## Sotto Kumitat Armar - *Joey Darmanin*

Kif aħna ħuti Palmisti? Din il-gazzetta tfakkrek fil-ħin, kemm itiru malajr tliet xhur! Iżda din l-edizzjoni tfakkar fil-jiem sbieħ tal-festa. Tfakkarna wkoll fix-xogħol kbir li ġej għalina. Aħna m'għandniex xahrejn biex narmaw iżda inqas minn tliet ġimgħat. Għalhekk Awissu u Settembru ikunu ferm impenjattivi. Bħal snin oħra se jiġi mwaħħal programm tal-armar tal-liedna u l-injam. Se nibdew minn nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju u nkomplu tul Awissu kollu u anke Settembru għall-għeluq tal-festa u ż-żarmar. Aktar dettalji jkunu man-notice board. Inħeġġu lil kulħadd biex jiġi jagħti daqqa t'id. Illum bil-makkinarju u l-maħżen il-ġdid qed tinqata' ħafna mit-tbatija. Kun kburi li tarma dak l-armar meravilja!



**Parti mill-armar li jintrama fi Pjazza Repubblika**

Infakkrukom li l-kolonni ta' quddiem il-knisja issa huma fi stadju avvanzat. Fil-maħżen qed jinżebgħu l-antrarjoli tat-toroq, kif ukoll qed jinħadem karru ġdid għall-armar. Komplejna nagħmlu ħilitna kollha biex jitlestew l-istatwi tal-pedestall il-ġdid. Il-parti ta' fuq lesta u qiegħda hawn Malta. L-anġli t'isfel ġejna mwiegħda li se jitlestew iżda għad irridu naraw jekk din id-darba l-istatwarju jżommx kelmtu. Fil-maħżen ukoll qed jiġu ppreparati l-fistuni.

Għal Settembru, jiddependi mit-temp, jista' jkun hemm xi attivitajiet, għalekk oqogħdu attenti għal avviżi oħra.

F'Ottubru mbagħad, ikollna ħatra ta' Sotto Kumitat għall-Festa 2007, għalhekk kull min hu mħajjar għandu javviċinani kemm jista' jkun malajr.

Bħas-sena li għaddiet u ta' qabilha, se jerġgħu isiru kompetizzjonijiet għall-isbaħ faċċata mżejna għall-festa u l-isbaħ statwa armata. Jiddependi mill-kundizz-jonijiet tal-festa, bil-ħsieb li ssir l-ika bejn il-ħbieb it-Tlieta 29 t'Awissu fil-ġimgħa tal-festa. Iktar tagħrif jingħata 'l quddiem fuq in-notice board tal-każin. Qegħdin għaddejjin b'lotterija ta' nkwadru ferm sabiħ, replika tal-pittura titulari ta' Mattia Preti. Ser ikollna wkoll ritratti ta' Santa Katarina, jista' jkun wara l-festa. Għalhekk min qiegħed jaħseb biex jixtri ritratt tal-vara ta' Santa Katarina jistenna ftit ieħor. Ser ikun ritratt professjonali.

Biex nagħlaq, nixtieqkom tiġu tgħinu fl-armar, jew inkella fi ħdan xi kumitat ieħor tas-Soċjetà. Kull għajnuna żgħira tgħodd. Inħeġġukom ukoll tattendu għall-attivitajiet kollha li se jiġu organizzati. Tinsewx li dawn jittelgħu b'ħafna sagrifiċċji. Fl-aħħar nett, il-festa t-tajba lil kulħadd. Attendu wkoll għall-funzjonijiet tal-knisja għax b'hekk Santa Katarina tkun veru qed tieħu pjaċir bina. Viva Santa Katarina Verġni u Martri Patruna taż-Żrieraq kollha.

## Sotto Kumitat tal-Kultura

Nhar il-Ħadd 16 ta' Lulju ġiet miftuħa l-wirja '***Wirt l-Imgħallmin***', li hija parti miċ-ċelebrazzjonijiet li s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. Żurrieq qed torganizza biex tfakkar il-Ġublew tad-deheb tal-planċier artistiku tagħha. Din il-wirja kienet fdata f'idejn is-Sotto Kumitat tal-Kultura fi ħdan is-Soċjetà tagħna, u hija l-ewwel waħda minn serje t'attivitajiet li qed jiġu mżejjijin għal din l-okkażjoni. Il-wirja ġiet inawgurata mill-president tas-Soċjetà, is-Sur Anthony Bonnici ACIB u mbierka mid-Direttur Spiritwali Dun Albert Schembri. Din l-okkażjoni kienet ukoll l-ewwel waħda li fiha attenda l-Arċipriet il-ġdid taż-Żurrieq Dun Charles Attard. Dan ta' l-aħħar fakkar kif il-mużika hija dik is-sensazzjoni li tgħaqqad lin-nies flimkien.

F'din il-wirja kien hemm bosta oġġetti u ritratti li kienu qed jiġu esebiti. Insibu fost oħrajn ritratti ta' l-imgħallmin kollha li ħadmu u taw sehemhom biex din il-ħolma titwettaq. Kien hemm ukoll ritratti tal-mistednin distinti li kienu jinkludu fost l-oħrajn il-Gvernatur Sir Robert Laylock, l-Arċisqof Mikiel Gonzi u l-Prim Ministru Dom Mintoff. Ritratti oħra kienu tax-xogħlijiet li saru u taċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni. Fis-Sala Ġużeppi Gauci mbagħad kien hemm bosta oġġetti li huma awtentiċi minn ħamsin sena ilu. Kien hemm, fost oħrajn, il-minuti tas-Seduta Ġenerali fejn ġie deċiż li għandu jsir il-planċier, bosta kontijiet, permessi, programmi ta' l-okkażjoni, għodda, strumenti antiki, ittri ta' tifħir u bosta affarijiet oħra. Iżda waħda mill-attrazzjonijiet prinċipali kienet buġija tal-fidda li fl-okkażjoni ta' ħamsin sena ilu s-Soċjetà tagħna rregalat lill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Din il-buġija, li llum tinsab fil-Mużew Nazzjonali, ġiet miġjuba lura fil-każin tagħna għall-okkażjoni. F'din il-wirja kien hemm ukoll mudelli ta' l-uniformi li kienet tintuża mill-bandisti ħamsin sena ilu. Tikkumplimentaha kien hemm ukoll l-uniformi ta' llum.



Iżda bla dubju ta' xejn, l-isbaħ esibit kienet il-gallarija tal-planċier innifsu li ġiet armata fis-Sala Espedito Deguara. Tassew li jintrama fejn jintrama dan il-planċier isebbaħ kull fejn ikun. Għal din l-okkażjoni, is-Sotto Kumitat tal-Kultura ħaseb biex jippubblika ktejjeb li jirrakkonta l-istorja tal-planċier – sa mill-ewwel ħsibijiet sar-restawr ta' ftit snin ilu. F'dan il-ktejjeb wieħed isib ukoll bosta ritratti antiki li juru x-xogħol u l-inawgurazzjoni tal-planċier. Minn hawnhekk nixtiequ nirringrazzjaw lill-Kumitat Ċentrali ta' l-għajnuna kollha li ta lis-Sotto Kumitat tal-Kultura biex din il-wirja setgħet tittella', lil dawk li għenu b'ritratti u nformazzjoni kif ukoll lil dawk li għoġobhom iżuru din il-wirja u jaraw b'għajnejhom il-wirt kbir li għandha s-Soċjetà tagħna.



# Santa Katarina fil-Letteratura u fil-Mużika

Kif qegħdin naraw f'dawn l-artikli qosra, il-preżenza ta' Santa Katarina ta' Lixandra fil-letteratura u fil-mużika hi waħda ħajja u rikka. S'issa tfajna l-ħarsa tagħna biss fuq kompożizzjonijiet li ħarġu mill-pinna kontemporanja ta' wlied iż-Żurrieq li ħassew fil-profond ta' qalbhom li kellhom huma wkoll jagħtu ġieħ u glorja lill-patruna ta' raħalna. S'issa tkellimna fuq il-kontribut tas-Surmast Francis Falzon bl-oratorju tiegħu 'Santa Katarina ta' Lixandra' u l-Antifona 'Prudens et Vigilans'; it-tnejn miktubin u esegwiti mill-Banda Santa Katarina V.M. Tkellimna wkoll fuq Mro Anton Briffa OFM(Cap) u x-xogħol sabiħ tiegħu 'Katarina ta' Lixandra', kantata f'ħames movimenti li ġiet esegwita wkoll tul il-festi ċentinarji kbar li saru ad unur Santa Katarina. Illum se niltaqgħu ma' surmast bravu ieħor, bin ir-raħal taż-Żurrieq ukoll, Mro Paul Portelli, li fost ħidmiet oħra, hu wkoll id-direttur u s-surmast tal-Kor Parrokjali Cantate Domino. F'Malta wkoll mal-festi ċentinarji, is-Surmast Portelli kkompona l-mużika għal tliet biċċiet letterarji; 'O Verġni Katarina', 'Santa Katarina Għandek Niġu' u 'Il-Martirju...l-Akbar Xhieda ta' Mħabba'.

### *O VERĠNI KATARINA*

O Verġni Katarina
Għaqlija u attenta
Kemm tixbaħ lill-Għarus tiegħek
Illi għażlek mid-dinja!
Kemm int sabiħa
Kemm int ta' l-għaġeb
Kemm jiddi dawlek
Fost ix-xebbiet ta' Sijon
U l-bniet ta' Ġerusalemm!
Ifraħ ġewwa l-għamara tas-Sultan
O għarusa ta' l-Iben ta' Alla!

Il-kliem sabiħ ta' l-Antifona 'Prudens et Vigilans' maqlub għall-Malti, ġie mmużikat għall-ewwel darba biex jitkanta f'waħda miċ-ċelebrazzjonijiet ċentenarji li saret nhar id-19 t'April 2005. Kompożizzjoni korali għal Soprani, Alti, Tenuri u Baxxi miktuba proprju fl-ispirtu Liturġiku tal-lum il-ġurnata. Għalkemm hi bbażata fuq lingwaġġ tradizzjonali, mhijiex maqsuma f'taqsimiet bħal dawk ta' Camilleri u Nani, għalhekk din tista' faċilment tħajjar il-ġemgħa tipparteċipa kif inhu mitlub.

### *SANTA KATARINA, GĦANDEK NIĠU*

Ta' raħalna int kbira Reġina
Tmexxi tagħna kuljum il-ġrajjiet
Nafu ċert illi hemm quddiem Alla
Taqla' għalina tas-sema l-barkiet.

Għandek niġu qaddisa maħbuba
Lejk induru infittxu il-kenn,
Int tħarisna f'dil-mixja tal-ħajja
Quddiem Alla għalina int tħenn.

U fid-dwejjaq kotrana tal-ħajja
Meta ruħna ma ssib l-ebda serħ
Bil-fiduċja ta' wlied lejn dik ommhom
Lejk nerħulha biex niksbu ftit ferħ.

Kif il-mard jirfes l-għatba ta' djarna
U jtellfilna tal-moħħ is-serħan
Nirrikorru malajr għandek niġu
Biex m'għand Alla taqlgħalna l-fejqan.

Hekk ukoll meta l-ħajja tiddallam
Bl-ansjetà, bit-tensjoni, bl-inkwiet
Lejn xbiehatek li ngħożżu ġo djarna
Aħna nduru fit-talb u fis-skiet.

Meta l-mewt minn għajnejna tifridna
F'dak il-baħħ tinżel int minnufih
Fi ħdan Alla twassalna, tpoġġina
U tikfilna dak wiċċek sabiħ.

Inqas xejn meta nagħrfu li tlifna
It-triq tajba, tas-sewwa u tal-gid
Frott id-dnub jew inkella djufitna
Tkun dlonk int issib triqtna mill-ġdid.

Dil-fiduċja ta' missirijietna
Li f'dat-tempju ħabbewk u talbuk
Fejn leħinhom idur ma' kull rokna
Iħeġġuna biex nibqgħu ngħożżuk.

Katarina, aħna wkoll bħalhom nagħmlu
Għandek niġu, don kbir tal-Ħallieq
Fik tamitna, Qaddisa maħbuba
Protettriċi, O ġmiel taż-Żurrieq.

Din hija kompożizzjoni oriġinali oħra li ġiet miktuba wkoll għal dawn il-festi. Hija poeżija bi kliem ta' tifħir lil Santa Katarina V.M. miktuba minn Fr.John P Curmi. Il-forma mużikali tagħha hija binarja. L-ewwel parti maestoso f'erba' partijiet S.A.T.B., imbgħad fit-tieni parti f'kuntrast fit-tonalita u fir-ritmu tinstema' melodija li tgħani u tpaxxi l-widna. Din-id-darba titkanta għall-unisono mill-vuċijiet femminili u dejjem akkumpanjata bl-orgni.

### *IL-MARTIRJU...L-AKBAR XHIEDA TA' MĦABBA*

Katarina tal-martri il-fjur
U tal-Knisja ta' Kristu l-unur
Inqimuk, inqimuk
Bqajt fidila, bqajt tgħożż lil Ġesù.

Fil-Martirju, fil-martirju,
L-akbar xhieda ta' mħabba int tajt
L-akbar xhieda ta' mħabba lejn Alla
L-akbar xhieda ta' mħabba naraw.

Katarina, fil-martirju
L-għotja sħiħa ta' ħajtek afdajt
L-għotja sħiħa ta' ħajtek lil Alla
L-akbar xhieda ta' mħabba naraw.

Bil-kuraġġ lill-Kbir Alla xandart
U lil ħutek Insara saħħart
Se jaqbduk, se jaqbduk
Bqajt fidila, bqajt tgħożż lil Ġesù.
Fil-martirju, fil-martirju...

Ġewwa l-ħabs soda bqajt daqs il-blat
Mingħajr biżà mid-dlam u mis-swat
Se jsawtuk, se jsawtuk
Bqajt fidila, bqajt tgħożż lil Ġesù.
Fil-martirju, fil-martirju...

Fuq ir-rota intlaqt fil-Mulej
Sid ta' ħajtek, l-Għarus u l-Feddej
Se jbiċċruk, se jbiċċruk
Bqajt fidila, bqajt tgħożż lil Ġesù.
Fil-martirju, fil-martirju...

Ħaġa biss kien għad fadal xi jsir
Jisħqu rasek malajr bla tnikkir
Se jtemmuk, se jtemmuk
Bqajt fidila, bqajt tgħożż lil Ġesù.
Fil-martirju, fil-martirju...

Fis-smewwiet ħdejn Ġesù irxoxt
Fl-isbaħ glorja li l-għajn qatt ma rat
Inħobbuk, inħobbuk
Bqajt fidila, bqajt tgħożż lil Ġesù.
Fil-martirju, fil-martirju...

Poeżija oħra ta' Fr.John P.Curmi. din tieħu forma ta' innu mexxej bl-istrofi u r-ritornell. Dawn it-tliet biċċiet mużika nkitbu minn Mro. Paul Portelli biex jitkantaw mill-kor parrokjali Cantate Domino f'għeluq l-1700 sena mill-martirju ta' Santa Katarina V.M. ta' Lixandra.

Design & Printing: Tel: 21250994/3